MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 1307/1998/1

**Carm Lino Borg**
**vs**
**Mario Rosario Mamo**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk: Peress li l-konvenut huwa debitur lejn l-attur fis-somma ta’ elfejn sitt mija u erbatax-il lira maltin [Lm2614] import ta’ tmientax-il pagament ugwali mensili li skadew l-ewwel wiehed fil-5 ta’ April 1995 sal-5 ta’ Ottubru 1996 u dan skond kuntratt tal-5 ta’ Ottubru 1993 ippubblikat fl-atti tan-Nutar John Patrick Hayman, hawn anness Dok.A;

Peress li l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas baqa’ inadempjenti;

Peress li dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u ghalhekk applikabbli l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex: 1. Tghaddi biex tiddeciedi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 tal- Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili; 2. Tikkundannah jhallas is-somma ta' elfejn sitt mija u erbatax-il lira maltin [Lm2614]; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-iskadenza ta' kull pagament kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa hekk: Illi l-esponent qatt ma ssellef flus minghand l-attur ghalkemm jista' jkun li huwa debitur tal-istess attur fuq kawzali totalment different, u f' dan ir-rigward iridu jsiru l-konteggi precizi sabiex jigi verifikat l-ammont korrett – salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti tal-kawza;
Semghet provi bil-gurament;
Ikkunsidrat
Illi mill-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Illi permezz ta' kuntratt in atti Nutar Patrick Hayman, pubblikat fil-5 ta' Ottubru 1993 [fol.5], il-konvenut iddikdjara ruhu *"cert u likwidu"* debitur favur l-attur fis-somma ta' Lm5,228 *"rappresentanti diversi somom mislufin [sic] qabel illum"* liema somma l-konvenut obbliga ruhu li jhallas b' pagamenti ugwali kull xahar fi zmien tlett snin mid-data tal-kuntratt bl-imghaxijiet tat-8%.

Illi stante li l-konvenut baqa' inadempjenti u ma hallas xejn mill-ammont minnu dovut, l-attur fit-3 ta' April 1995 istitwixxa proceduri gudizzjarji kontra l-konvenut, u fl-4 ta' Ottubru 1995 ottjena sentenza minn din il-Qorti fis-sens li l-konvenut gie kkundannat ihallas is-somma ta' Lm2,614 rapprezenanti pagamenti dovuti ghal perijodu ta' tmientax il-xahar.

Illi peremzz tal-proceduri odjerni l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat jhallas il-bilanc ta' Lm2,614 ghall-perijodu ta' tmientax il-xahar li jestendi mill-5 ta' April 1995 sal-4 ta' Ottubru 1996; liema pretensjoni giet konfermata minnu bil-gurament fid-dikjarazzjoni annessa mal-att tac-citazzjoni, f' affidavit prezentat minnu fit-23 ta' Mejju 2003 [Fol.75], kif ukoll quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-7 ta' Novembru 2003

Illi minn naha tieghu l-konvenut, fl-eccezzjonijiet tieghu sostna li huwa qatt ma ssellef flus minghand l-attur, u inoltre, "jista' jkun debitur fuq kawzali totalment differenti" u f' dan l-ahhar kaz irriserva l-verifika tal-ammont korrett dovut.

Illi l-Qorti tosserva li ghalkemm l-attur ghalaq il-provi tieghu fl-udjenza tas-25 ta' Gunju 2003, il-konvenut, li f' dawn il-proceduri deher darba biss [u f' din l-okkazzjoni mhux personalment izda rappresentant mid-difensur tieghu] baqa' ma prezentax provi in sostenn ta' dak allegat minnu fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu.

Illi in vista tal-premezz it-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tal-imsemmi ammont ta' Lm2,614 hija gustrifikata u ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijet tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici u tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn sitt mija u erbatax-il lira maltin [Lm2,614] bl-imghaxijiet kif mitlub.  bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------